MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2010

Numru 656/1996

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin E. Bayliss)**

**Vs**

**Raymond Coleiro**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migbura fil-konfront ta` l-imputat u dan talli il-bierah u cioe' t-8 ta' Novembru, 1996, ghal habta ta' bejn it-8.30am u d-9.15am fil-kcina tal-fond Valerie House, Plot 22, triq lis-Spira, Swieqi, u cioe fir-residenza tieghu, u fik ukoll ta' martu Valerie, bil-hsieb li joqtol lill-istess martu Valeri, jew li jqieghed hajjitha f'eriklu car, spara tir ta' arma tan-nar, liema arma tan-nar hija tal-marka VALTOR, 9mm Calibre, li ghanda s-serial No: F-29282, u billi wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, u liema delitt ma giex

esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u dan kollu bi ksur ta' l-Artikoli 41 u 211 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:-

U aktar talli, matul dan l-ahhar xahar, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'diversi atti maghmula minnu stess, ukoll jekk fiz-zminjiet differenti, zamm, f'xi fond, arma tan-nar jew munizjon, jew kellu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjoni, izda mhux f'fond jew f'post li jaghmel mieghu, u dan kollu hu ksur tal-Artikoli 18 tal-Kapitolu 9, u 3 tal-Kapitoli 66 tal-Ligijiet ta' Malta:-
U aktar talli, matul dan l-ahhar xahar, kien fil-pussess ta' ara tan-nar, tal-marka VALTOR, 9mm Calibre, li ghandha s-serial No: F-29282, u munizzjoni, xort'ohra milli b'licenzja, u naqas li minnufih jaghti avviz taghhom lill Kummissarju tal-Pulizija, u dan kollu bi ksur ta' l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta:-

U aktar, f'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fit-8 ta' Novembru 1996 u f'xi data ta' qabel nakkuzah li xjentement kellu fil-pussess u jew that il-kontroll tieghu arma tan-nar tal-marka Valtor, 9mm Calibre bin-numru tas-serje F29282 kompluta b'munizzjoni ta' ghaxar balal u li l-importazzjoni taghha hija projbita u jew ristretta b'valur totali ta' Lm15.50 b'dazju ta' 77 centezmu u dan bi ksur tal-Artikoli 60(a)(b)(c)(k) u 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) kif ukoll paragrafu A tal-Proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37 tal-Att XII tal-1994 dwar it-Taxxa fuq Valur Mizjud tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar, f'isem il-Kummissarju tal-VAT, talli fit-8 ta' Novembru 1996 u f'xi dta qabel xjentement kellu fil-pussess tieghu u that il-kontroll tieghu arma tan-nar tal-marka Valtor, 9mm Calibre bin-numru tas-serje F29282 kompluta b'munizzjoni ta' ghaxar balal u li l-importazzjoni taghha hi projbita jew ristretta b' valur ta' Lm15.50 dazju ta' 77 centezmu b'valur totali ta' Lm15.94 u li fuqha kellu jithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm2.39, liema taxxa ma gietx imhallsa u jew kawtelata bi ksur tal-Artikolu 65 tal-Att numru XII tal-1994.

Rat in-nota tal-Avukat Generali a fol 221 tal-atti u li biha billi deherlu a bazi tal-istess imputazzjonijiet li tista` tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront ta` l-istess imputat taht dak li hemm mahsub;

a) fl-artikoli 41(I)(a), 218 tal-Kodici Kriminali;
b) fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u 3 tal-Kap. 66;
c) fl-artikolu 9 tal-Kap. 66,
d) fl-artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u Proviso tal-Artikolu 62 tal-Kap. 37;
e) fl-artikolu 65 tal-Att XII tal-1994;
f) fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

iddecieda li jibghat lill-istess imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala wahda ta` Gudikatura Kriminali u dan fl-assenza ta' oggezzjoni da parti ta` l-istess imputat.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux tali oggezzjoni (ara fol. 222 ibid).

Semghet lill-akkuzat minn jeddu.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-Ufficcjal Prosekutur (fol 23 u fol 58 et seq ibid) spjega kif Valerie Coleiro, mart l-akkuzat kienet informatu, waqt li kienet that 'shock' u tibki, illi waqt li kienet fil-kcina tar-residenza taghha fis-Swieqi, bil-qeghda fuq siggu u tiekol, xi zewg metri l-boghod minnha kien hemm l-istess akkuzat. F' daqqa wahda, hi semghet sparatura u xi oggett jinkiser. Hi ghalhekk, dawwret wiccha, harset lejn zewgha u ratu jipponta pistola fid-direzzjoni taghha. Inoltre hi rat li mill-istess arma, f' idejn zewgha, kien hemm duhhan hiereg u zewgha qalilha "irringrazzja lil Alla ghax dan kien lest ghalik halli noqtlok". Ghalhekk ix-xhud akkumpanjat mill-istess mara kif ukoll PC 621 Pierre Calleja u PC 306 Paul Sammut marru fl-istess residenza u l-istess akkuzat dahhal gewwa lix-xhud u lil PC 621. meta dahlu fil-kcina, ix-xhud ra li kien qed jirfes fuq hgieg miksur waqt li l-akkuzat, wara li gie debitament imwissi, spjegalu "….li kellu bullet fil-pussess tieghu habbatha mal-

bank tal-kcina, liema bullet hadet”. Inoltre dan kompla jghid illi fuq l-istess bank, kien hemm platt isfar tal-‘pyrex’ u l-‘bullett’ kienet habtet ma’ dan il-platt, lit kisser u l-akkuzat beda jiknes il-frak. Dwar l-arma msemmija, l-akkuzat kien qallu li ma kellu ebda arma fil-pussess tieghu. Ghalhekk ix-xhud qal lill-akkuzat sabiex jinza’ l-hwejjeg li kien liebes, liema hwejjeg tpoggew f’ basket, kif ukoll li kienet ser issir tfittxija, pero’, spiccat fin-negattiv. Izda fil-kcina, imdendel ma’ purtiera, nstabet ‘bullet’ u kien ra li ‘bullet’ kienet habtet max-xoffa maghmula minn ‘nickel’, tal-‘cooker’ fl-istess kcina waqt li c-comba relattiva ma nstabitx. Aktar tard, kien cempillu PS 60 Martin Cordina u dan qallu li l-akkuzat kien informah li l-arma kienet mohbija f’ mahzen gewwa Hal Qormi ghand certu Gallo u ghalhekk ix-xhud akkumpanjat minn Pulizija ohrajn, mar f’dan il-mahzen u kien gie informat illi kien hemm persuna tal-kunjom Gallo, li kien impjegat. Fl-ufficju fejn dan kien, generalment, jahdem, kien hemm ‘safe’ antik kif ukoll gwardarobba tal-hadid u f’ din tal-ahhar kien hemm “satchel qiesha tal-iskola” u maghmula minn gilda u go fiha kien hemm borza tal-‘plastic’ kontenenti kaxxa tal-istess materjal u, go din, arma tan-nar sewda kif ukoll (10) ‘bullets’ mhux sparati. Sussegwentement l-akkuzat kien irrilaxxja stqarrija skond il-ligi u li tinsab annessa a fol 42, markata Dok MB1, u minnha jidher li l-akkuzat ammetta li kien spara arma tan-nar izda ma kienx spara lejn martu, li kienu fi preceduri ta’ separazzjoni. Inltre l-akkuzat kien stqarr li l-arma kienet difettuza peress li “….il-bulets ma jitighux awtomatikament fil-‘barrel’ izda trid iddahhal ‘bullet bullet fil-‘barrel’. Fil-hin tal-incident, hu kompla jistqarr illi kien nizel fil-kcina sabiex jixrob tazza te u waqt lli nnega li kien ipponda l-arma lejn martu, hu kien dahhal ‘bullet’ fil-’barrel’ tal-istess arma u “din hadet accidentalment”. Hu kien ghamel dan peress, li kif kien jaghmel ta’ sikwit, kien ser imur f’Selmun sabiex jipprattika biha. Inoltre wara l-incident kien ha l-arma ghand Joseph Gallo sabiex dan jzommilu u imbghad jew jarmiha jew jiddistruggiha. Dwar l-akkwist tal-arma, hu kien stqarr illi xtraha, madwar xahar qabel bil-prezz ta’ Lm200 minghand certu “Pawlu l-Ginger” jew “Gingell” b’ certu Ninu ossija Anthony Muscat involut bhala sensar. In rigward l-imsemmi venditur, l-

Ufficjal Prosekutur semma' li kelli fil-pussess tieghu, miktub fuq bicca karta, in-numru tac-cellulari tieghu.

Ikkunsidrat

Illi l-imsemmija Valerie Coleiro (fol 50 et seq ibid) giet prodotta biex tixhed u din qalet li, b'referenza ghall-"incident" in kwistjoni u fil-gurnata in kwistjoni, filghodu, hi kienet nizlet fil-kcina, xirbt te, u hadet it-tfal fl-Iskola Primarja ta' San Giljam u, wara li ghamlet xirja, irritornat lura d-dar meta innutat li l-karozza ta' zewgha, l-akkuzat, ma kienet wara l-bieb u b'hekk hasbet li l-istess zewgha ma kienx fid-dar. Izda hi rat li din kienet fil-'garage'. Minn hawn reghet marret fil-kcina u poggiet bil-qwghda f'ras il-mejda, b'dahra lejn  il-'cooker'. Dak il-hin zewgha ghadda minn ma' genbha minghajr ma hi harset lejh jew kellmitu. Difatti hi semghet lil zewgha jiftah 'cupboard' u jaghmel tazza te, ukoll. Izda hawnhekk, hi semghet hoss ta' sparatura u xi haga tinkiser ossija platt fuq 'cupboard' li kien warajha. Ghalhekk hi harest dejjem warajha u hawnhekk rat lil zewgha, b'pstola f'idu tal-lemin waqt li kien qed jhares lejha. In rigward l-arma, din kienet ippuntatat lejha u xammet riha ta' porvli, oltre li rat duhha hiereg mill-istes arma. Skond ix-xhud, zewgha dak il-hin qalilha b'rabja "irringrazzja lil Alla li ma lqattekx, ghax dik kienet lesta ghalik biex noqtlok". Ghalhekk hi griet il-barra u marret, bil-karozza taghha fl-ghassa tal-Pulizija, hi kompliet tghid li qabel dan l-incident, l-akkuzat kien refa' idejh fuqha ta daqqa ta' flixkun u weggahatilha idejha u heddidha. Inoltre kienu f' proceduri ta' separazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi dwar l-akkuzat da parti tal-akkuzat u s-sejba tal-istess arma fil-mahzen imsemmi, kien bizzejjed li ssir referenza ghax-xhieda ta' Thomas Agius Vadale (fol 56 u fol 141 et sew ibid), Joseph Gallo (fol 213 et seq ibid), Anthony Micallef (fol 199 u fol 211 et seq ibid) kif ukoll Paul Mercieca (fol 206 u fol 210 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi, waqt dawn il-proceduri, b'digriet moghti fis-6 ta' Dicembru 1996, il-Qorti nnominat espert ballistiku li ssottometta r-relazzjoni tieghu "in materia" kif jidher a fol 134 et seq ibid. minn din ir-relazzjoni jirrizultya illi l-pistola in kwistjoni kienet, meta manifatturatat, intiza sabiex tintuza bhala "blank" jew "defence gun" u hi semi-automatika. Inoltre, kienet giet modifikata sabiex tkun tista' tispara "live ammunition". Teknikament, din l-arma kienet difettuza minhabba spazju bejn is-'slide' u c-'chamber' u minhaba hekk hi "….aktar perikoluza sabiex tigi uzata". Difatti, jekk 'bullet' tolqot bniedem tista' tikkaguna l-mewt kif ukoll "….dan jista' jsir ukoll b'riskju ghal min jispara". Dwar l-iskratac, dawn ukoll gew kkargati wara li gew modifikati u jikkontjenu porvli li tintuza, solitament, ghall-iskop ta' kacca. Inoltre, kien gie nominat, ukoll Dottor Anthony Abela Medici assistit minn Charles Muscat dwar analizijiet ghal evidenza ta' 'gunshot resedue' (G.S.R.). fildatt instabet evidenza ta' dan kemm fuq il-leminija kemm fuq ix-xellugija tal-akkuzat oltre fil-wicc u fix-xaghar u fil-qalziet u hwejjeg ohra li l-akkuzat kien liebes. Pero ma setax jaghmel xi ezami komparattiv ma xi skratocc li seta' intuza f'dan il-kaz.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-akkuza ta' tentattiv ta' ferita gravi volontarja, l-akkuzat minn jeddu spjega illi meta gara dan l-incidnet, hu kien impjegat bhala skrivan u sewwieq ma stamperija u dan ix-xoghol kien jinkludi l-garr ta' ammont sostanzjali ta' flus u peress li kien jaqra' u jisma dwar diversi serqiet bi vjolenza hu ddecieda li jixtri arma tan-nar, kif filfatt ghamel skond kif irrakonta fl-istess xhieda tieghu. Din l-arma pero. Meta kien ipprovha ma bdietx tiffunzjona u kienet difettuza kif deskritta minnu stess. Skond hu meta kien jaghfas it-'trigger', l-munizzjon ma kienx johrog mill'barrel' izda "…minn partii ohra l-fuq". Dwar l-incident in ezami, wara li spjega kemm kient hzienet ir-relazzjoni tieghu ma martu u r-ragunijiet, skond hu, ta' dan il-fatt, meta kien filghodu ta' meta gara l-incidnet, hu kien ra lill-martu tigi lura d-dar, wara li kienet waslet lit-tfal fl-iskola, u ghalhekk hu kien pogga l-arma fil-but u 'bullet' f'but iehor, meta ghadda certu perjodu ta'

zmien, hu nizel fil-kcina sabiex jixrob tazza te u dak il-hin ra’ li martu kienet fl-istess kcina, tiekol fuq il-mejda. Ghaljekk, hu ghadda minn hdejja stenna sabiex jsir it-te’. Fil-frattemp, hu kellu l-arma f’idu u waqt li kin qed jilghab biha, b’ dahru lejn martu li kienet warajh, l-istess arma “sparat f’idejja” u l-‘bullet’ laqat platt li kien fuq ‘cupboard’ quddiemu kif ukoll wiehed mis-swaba tieghu. In <u>kontro ezami</u>, hu indika li hu kien nizzel l-arma fil-kcina sabiex jipprova jdahhal ‘bullet’ go fiha, izda “ma immaginajtx li, fil-fatt l-arma kienet ser tispara, b’mod normali”.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-Qorti tixtieq tirrileva, l-ewwel nett, illi, kif inhargu originarjament, l-akkuzi, l-akkuzat kien inghata l-imputazzjoni ta’ tentattiv ta’ omicidju volontarju. Pero, meta l-Avukat Generali hareg l-“artikoli” haen fuq imsemmija (fol 221 tal-istess atti), hu gie akkuzat ta’ tentattiv ta’ ferita gravi u ghalhekk il-Qorti qieset il-provi prodotti sabiex tara’ jekk l-istess akkuzat kienx intenzjonat li jikkommetti dan it-tentattiv.

Illi, in rigward dan, waqt li jinghad illi hu <u>difficli</u> li jigi pruvat li persuna ikkommettiet tentattiv ta’ ferita gravi intenzjonali, gew meqjusa il-provi kif esposti konsistenti fil-versjonijiet tal-fatti moghtija mill-akkuzat u minn martu kif ukoll il-provi xjentifici principalment ir-risultanzi balistici.

Illi mill-versjoni li taw l-istess partijiet ma rrizultax b’mod car x’kienet id-dinamika ta’ kif gara l-incident u ghalhekk il-Qorti tara’ li l-istess versjonijiet huma ugwalment plawsibbli u jistghu t-tnejn jirrispekkjaw dak li filfatt gara. Ghalhekk gew konsiderati ir-rizultaniz balistici u jidher car illi kull ma jista’ jirrizulta minn dawn hu l-fatt illi l-arma kienet difettuza sahansitra perikoluza ghal min kien qed juzaha u xejn aktar. Dwar dan il-Qorti tara’ li, f’ dan il-kaz, kien jkun opportune illi jsiru ezamijiet aktar dettaljati tax-xena tad-delitt sabiex wiehed jista’ forsi, jistabilixxi fejn kien l-akkuzat meta l-arma sparat, lejn liema direzzjoni kien qed jhares meta dan gara u fejn kienet l-arkata meta dejjem, hadet l-arma. In sostenn, ghalhekk ma rrizultax, minghajr ma jissusisti dubbju dettat mir-raguni, illi l-

akkuzat kien intenzjonat li jikkometti id-delitt ta' ferita gravi fuq il-persuna ta' martu. Konsegwentement, l-akkuzat ma jistax jinstab hati ta' din l-akkuza.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-akkuzi taht il-Kapitolu 66, il-Kapitolu 37 u l-Att numru XII tal-1994, l-akkuzi kollha gew ampjament pruvati fil-konfront tal-akkuzat bil-valuri moghtija mix-xhieda u dokumenti relattivi, minghajr il-htiega ta' xi approfondiment ulterjuri.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti waqt li issib lill-akkuzat mhux hati tal-akkuza ta' tentattiv ta' ferita gravi volontarja u tilliberah minn din l-akkuza, issib lill-akkuzat hati;

1) talli, matul l-ahhar xahar, qabel it-30 ta' April 1995 minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'diversi atti maghmula minnu stess, ukoll jekk fiz-zminjiet differenti, zamm, f'xi fond, arma tan-nar jew munizjon, jew kellu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjoni, izda mhux f'fond jew f'post li jaghmel mieghu, skond l-Artikolo 18 tal-Kapitolu 9, u l-artikolu 3 tal-Kapitoli 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) talli, matul dan l-ahhar xahar ta' April 1995, kien fil-pussess ta' arma tan-nar, tal-marka VALTOR, 9mm Calibre, li ghandha s-serial No: F-29282, u munizzjoni, xort'ohra milli b'licenzja, u naqas li minnufih jaghti avviz taghhom lill Kummissarju tal-Pulizija, skond l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta:-

3) f'isem il-Kontrollur tad-Dwana, talli fit-8 ta' Novembru 1996 u f'xi data ta' qabel xjentement kellu fil-pussess u jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar tal-marka Valtor, 9mm Calibre bin-numru tas-serje F29282 kompluta b'munizzjoni ta' ghaxar balal u li l-importazzjoni taghha hija projbita u jew ristretta b'valur totali ta' Lm15.50 b'dazju ta' 77 centezmu u dan skond l-Artikoli 60(a)(b)(c)(k) u 62 (a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) u Proviso tal-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 ibid.

4) f'isem il-Kummissarju tal-VAT, talli fit-8 ta' Novembru 1996 u f'xi data qabel xjentement kellu fil-pussess tieghu u that il-kontroll tieghu arma tan-nar tal-marka Valtor, 9mm Calibre bin-numru tas-serje F29282 kompluta b'munizzjoni ta' ghaxar balal u li l-importazzjoni taghha hi projbita jew ristretta b'valur ta' Lm15.50 dazju ta' 77 centezmu b'valur totali ta' Lm15.94 u li fuqha kellu jithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm2.39, liema taxxa ma gietx imhallsa u jew kawtelata skond l-Artikolu 65 tal-Att numru XII tal-1994.

In rigward il-piena, in rigward l-akkuza taht il-Kapitolu 37 citat, il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghall-piena ta' Lm31.07 ossija €72.37 kif ukoll il-piena ta' hmistax (15)-il jum prigunerija sospizi ghal perjodu ta' sentejn skond l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

In rigward l-akkuzi taht il-Kapitolu 66 citat wara li kkonsiderat il-'proviso' tal-artikolu 3 citat, applikabbli f'dan il-kaz, il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghal piena ta' LM 100 ossija €233 multa komplessivament.

In rigward l-akkuza taht l-att XII tal-1994, il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat ghal piena ta' €100 multa.

Inoltre wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tordna li l-akkuzat jhallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez kollha in rigward nomina ta' espert waqt il-kumpilazzjoni, kif ukoll tordna l-konfiska tal-arma in kwistjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------